

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6965 – Carlyle/AlpInvest Group)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/C 183/13)

1. Fl-20 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Carlyle Group ("Carlyle", l-Istati Uniti tal-Amerika) takkwista fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll sħiħ indirett ta' AlpInvest Partners BV ("AlpInvest", il-Pajjiżi l-Baxxi) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal Carlyle: il-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni alternattiva tal-assi, permezz tal-ġestjoni ta' fondi li jinvestu globalment f'erba' dixxiplini tal-investment: l-ekwiżità privata korporattiva (kapital għall-akkwiżizzjonijiet u għat-*tkabbir*), assi reali (proprjetà immobbli, infrastruttura u enerġija), l-istrateġiji tas-suq globali (kreditu strutturat, mezzanine, f'diffikultà, hedge funds, u dejn tas-suq medju) u soluzzjonijiet (programm ta' fond tal-fondi tal-ekwiżità privata u attivitajiet relatati tal-koinvestment u sekondarji),
- għal AlpInvest: il-forniment ta' servizzi tal-ġestjoni tal-fondi, li jkopru b'mod partikolari l-investimenti tal-fondi, il-koinvestimenti (ishma minoratarji diretti), fondi ta' investment sekondarji u investimenti fidejn mezzanine.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet <sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jstgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jstgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6965 – Carlyle/AlpInvest Group, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").